Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

PUBLIC

**Brussell, 30 ta' Settembru 2024**
**(OR. en)**

**13693/24**

**LIMITE**

**ECOFIN 1049**
**UEM 324**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Dikjarazzjoni f'isem il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ekonomija u l-Finanzi tal-UE, fil-Laqgħa Annwali tal-IMFC, Washington, DC, Ottubru 2024 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-Dikjarazzjoni f'isem il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ekonomija u l-Finanzi tal-UE, fil-Laqgħa Annwali tal-Kumitat Monetarju u Finanzjarju Internazzjonali (IMFC), Washington DC, Ottubru 2024.

**Dikjarazzjoni f'isem il-Presidenza tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ekonomija u l-Finanzi tal-UE, fil-Laqgħa Annwali tal-IMFC, Washington, DC, Ottubru 2024**

PUBLIC

1. Fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni mhux provokata u mhux ġustifikata li r-Russja qed twettaq bħalissa, l-UE hija determinata li tkompli tipprovdi appoġġ politiku, finanzjarju, ekonomiku, umanitarju, militari u diplomatiku lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha sakemm ikun hemm bżonn u kemm ikun meħtieġ. Ir-Russja ma tistax tipprevali. L-UE hija wkoll imħassba serjament dwar is-sitwazzjoni umanitarja katastrofika f'Gaża u t-tensjonijiet li qed jiżdiedu fir-reġjun. Inħeġġu lill-atturi kollha jeżerċitaw rażan u jipprevjenu aktar eskalazzjoni, u nappellaw għall-implimentazzjoni sħiħa tal-proposta ta' waqfien mill-ġlied, li twassal għal waqfien mill-ġlied immedjat f'Gaża, il-ħelsien tal-ostaġġi kollha, u żieda sinifikanti u sostnuta fil-fluss ta' assistenza umanitarja.

2. Il-gwerra ta' aggressjoni li r-Russja qed twettaq bħalissa kontra l-Ukrajna u t-tifrix tat-tensjonijiet ġeopolitiċi, flimkien mal-allinjamenti mill-ġdid li għaddejjin tal-katina tal-provvista u l-frammentazzjoni ġeoekonomika li dejjem qed tiżdied, qed ikollhom effett negattiv fuq l-ekonomija dinjija, mhux l-inqas għall-ekonomiji emerġenti u li qed jiżviluppaw. Għadha prijorità ewlenija ż-żieda fl-isforzi konġunti biex jissaħħu l-multilateraliżmu u s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli biex jiġu evitati prattiki ta' kompetizzjoni u tlielaq għas-sussidji li jagħmlu l-ħsara, li jistgħu jwasslu għal aktar frammentazzjoni. Il-kompetizzjoni leali ser tgħin biex jiġu xprunati l-innovazzjoni u l-effiċjenza. WTO riformata u msaħħa u koordinazzjoni internazzjonali b'saħħitha jibqgħu l-aħjar protezzjoni kontra l-frammentazzjoni ġeoekonomika. Il-kooperazzjoni internazzjonali hija essenzjali wkoll biex jitħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u jiġu indirizzati l-isfidi relatati.

3. Sa issa l-UE pprovdiet livell ġenerali ta' assistenza lill-Ukrajna u lill-poplu tagħha ta' kważi EUR 114-il biljun. Dan jinkludi appoġġ lill-Istati Membri li jospitaw persuni li qed jaħarbu mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja. L-UE għadha l-akbar kontributur finanzjarju għall-Ukrajna fost is-sħab internazzjonali tagħha mill-bidu tal-gwerra u ser tkompli tappoġġa l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna. Wara l-iżborż ta' EUR 18-il biljun taħt l-istrument ta' assistenza makrofinanzjarja+ (AMF+) fl-2023, l-UE nediet il-Faċilità għall-Ukrajna ta' EUR 50 biljun bħala qafas għall-provvediment ta' finanzjament stabbli u prevedibbli sal-2027 fuq il-bażi ta' progress f'aġenda ta' riformi mifruxa maqbula, imfassla biex tkun konformi mal-programm tal-FMI u komplementari għalih. Dawn il-politiki huma inkorporati bir-reqqa fl-isforzi internazzjonali biex jitħaffu l-irkupru u t-triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-UE kif ukoll biex jittejbu l-prospetti ta' tkabbir fit-tul, inkluż b'appoġġ għall-bini tal-kapaċità. L-UE żborżat EUR 12.2 biljun f'finanzjament mill-Faċilità sa issa fl-2024, bi żborż addizzjonali ppjanat għal aktar tard din is-sena soġġett għall-issodisfar tal-kundizzjonijiet ta' politika. Nenfasizzaw l-importanza li tkompli l-kondiviżjoni tal-piżijiet u li jsiru sforzi konġunti mis-sħab internazzjonali, li huma kruċjali biex titħares l-istabbiltà ekonomika tal-Ukrajna.

PUBLIC

4. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tas-27 ta' Ġunju 2024 u bħala tweġiba diretta għall-komunikat tas-summit tal-G7 f'Apulia fil-15 ta' Ġunju, l-UE qed taħdem fuq proposta tal-Kummissjoni biex jiġi stabbilit il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna li jkopri self sa EUR 45 biljun lill-Ukrajna taħt l-awspiċi tal-inizjattiva tal-G7 "Self għall-Aċċellerazzjoni ta' Dħul Straordinarju favur l-Ukrajna". Din il-proposta għal Regolament tinkludi l-kontribuzzjoni proprja tal-UE fl-għamla ta' self eċċezzjonali ġdid ta' assistenza makrofinanzjarja sa EUR 35 biljun, li għandu jsir disponibbli fl-2024 bi żborż f'segment wieħed jew aktar sa tmiem l-2025. Ladarba jiġi adottat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-UE, dan il-pakkett jappoġġa l-ħtiġijiet baġitarji urġenti addizzjonali tal-Ukrajna, li huwa essenzjali biex l-Ukrajna tiġi megħjuna żżomm il-funzjonijiet essenzjali tal-Istat, tiżgura l-istabbiltà makroekonomika u tirriabilita l-infrastruttura kritika.

5. Infaħħru l-impenn mill-qrib tal-FMI mal-Ukrajna u l-appoġġ sostnut tiegħu. Nilqgħu t-tlestija b'suċċess reċenti tal-ħames rieżami tal-Faċilità Estiża tal-Fond, u nfaħħru lill-awtoritajiet Ukreni għall-prestazzjoni b'saħħitha kontinwa tal-programm minkejja l-kundizzjonijiet diffiċli. Sa issa, ġew żborżati kważi USD 7.6 biljun taħt il-Faċilità Estiża tal-Fond, li għandha l-għan li tappoġġa lill-awtoritajiet Ukreni fit-tisħiħ ta' politiki li jsostnu l-istabbiltà fiskali, esterna, tal-prezzijiet u dik finanzjarja, filwaqt li tippromwovi tkabbir fit-tul fil-kuntest tar-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra u triq tal-Ukrajna lejn l-adeżjoni mal-UE.

6. L-UE kompliet tagħti assistenza makrofinanzjarja (AMF) lil pajjiżi sħab li qed jesperjenzaw kriżi fil-bilanċ tal-pagamenti, biex b'hekk tamplifika l-impatt tal-involviment tal-FMI. Bħalissa għaddejjin żewġ programmi appoġġati mill-AMF, wieħed mal-Moldova (sa EUR 220 miljun f'self u EUR 75 miljun f'għotjiet) u wieħed mal-Maċedonja ta' Fuq (sa EUR 100 miljun f'self), li t-tnejn li huma jinsabu fi triqithom lejn l-adeżjoni mal-UE. Minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika kumplessa, f'Marzu u April il-Kummissjoni ppreżentat b'mod partikolari proposti għal operazzjonijiet ġodda ta' self ta' AMF għall-Eġittu u l-Ġordan, bil-Kunsill tal-UE japprova l-ewwel parti tal-operazzjoni għall-Eġittu f'April. L-UE tkompli tappoġġa wkoll lil pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-Inizjattiva Global Gateway. Barra minn hekk, l-UE u l-Istati Membri tagħha komplew ikunu l-akbar fornitur globali ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fl-2023 ukoll, bl-għajnuna tagħhom tammonta għal 42 % tal-ODA globali.

PUBLIC

7. It-tkabbir globali mar aħjar milli mistenni fl-2023. Il-projezzjonijiet futuri jindikaw li t-tkabbir ser jibqa' stabbli fl-2024 u l-2025 u li l-inflazzjoni ser tkompli tonqos. Filwaqt li huwa mistenni xi rkupru fil-kummerċ dinji, ir-riskji għadhom għoljin, b'mod partikolari fir-rigward tax-xokkijiet ġeopolitiċi. Il-prospettiva tat-tkabbir fuq perjodu medju tibqa' batuta. L-ekonomija tal-UE ddeċellerat fl-2023 iżda baqgħet relattivament reżiljenti u tiġġenera l-impjiegi, minkejja l-impatti speċifiċi tal-gwerra tar-Russja kontra l-Ukrajna u d-dgħajfien tal-kummerċ dinji. It-tkabbir tal-PDG tal-UE huwa mistenni li jogħla ftit għal [1 %] fl-2024 u li jiżdied gradwalment sa [1.6 %] fl-2025. Is-suq tax-xogħol robust flimkien ma' pagi ogħla u aktar tnaqqis fl-inflazzjoni ser progressivament jibdew jappoġġaw it-tkabbir tal-konsum, filwaqt li l-illaxkar tal-kundizzjonijiet ta' finanzjament u l-iżborżi sostnuti tal-fondi ta' "Next Generation EU" (NGEU) jappoġġaw l-investiment. Ir-riskji għall-prospettiva ekonomika, madankollu, għadhom ixaqilbu lejn in-negattiv, filwaqt li l-inċertezza globali, fil-biċċa l-kbira tagħha riżultat tat-tensjonijiet ġeopolitiċi, tibqa' tkun ta' piż fuq il-perspettiva ekonomika.

PUBLIC

8. Il-qafas rivedut tal-governanza ekonomika tal-UE ġie adottat f'April 2024 u jirfed il-pjanijiet tal-Istati Membri għal riformi tal-politika fiskali u riformi strutturali għas-snin li ġejjin. Il-qafas jippermetti li l-politiki fiskali jindirizzaw l-inċertezza. Pożizzjoni fiskali restrittiva għaż-żona tal-euro kollha kemm hi fl-2025 hija meqjusa xierqa fid-dawl tal-prospettiva makroekonomika, il-ħtieġa li tkompli tissaħħaħ is-sostenibbiltà fiskali, u biex jiġi appoġġat il-proċess diżinflazzjonarju li għaddej bħalissa. Li jkomplu jinżammu jew jiżdiedu l-investimenti, u r-riformi strutturali, jibqa' essenzjali għall-promozzjoni tat-tkabbir sostenibbli u inkluživ u r-reżiljenza.

9. L-UE u l-Istati Membri tagħha jkomplu jimplimentaw l-istrument għall-irkupru tal-NGEU. L-ammont totali ta' għotjiet u self żborżati sa issa taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF), l-istrument fil-qalba tal-NGEU li jappoġġa r-riformi strutturali u l-investimenti fl-UE, jammonta għal EUR 265 biljun minn total ta' EUR 650 biljun[1]. Barra minn hekk, l-UE għandha wkoll l-għan li tikkatalizza l-investiment privat lejn oqsma ta' politika prijoritarji għall-UE permezz tal-Programm InvestEU, bl-intenzjoni li jiġu mmobilizzati EUR 372 biljun f'investimenti sostnuti b'garanzija baġitarja tal-UE. Minn tmiem l-2023, ġew mobilizzati EUR 217-il biljun, abbażi ta' operazzjonijiet approvati (aktar minn 60 % tal-mira).

[1] EUR 648 biljun bil-prezzijiet tal-2022



PUBLIC

10. Fl-istess ħin, huma meħtieġa riformi biex jitnaqqsu l-ostakli għall-investiment privat għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u għas-sigurtà tal-enerġija. Aktar żviluppi fit-tisħiħ tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali tal-UE fis-snin li ġejjin ser jikkontribwixxu għall-approfondiment tas-swieq finanzjarji Ewropej filwaqt li jtejbu d-direzzjonar tat-tfaddil u tal-investiment internazzjonali tal-UE lejn il-prijoritajiet komuni tagħna, speċjalment it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali. Barra minn hekk, l-indirizzar tal-isfidi tal-kompetittività ser jitlob li jiġu ffissati prijoritajiet ċari għall-industriji kritiċi, riformi fil-livell nazzjonali u tal-UE, u l-mobilizzazzjoni tal-fondi pubbliċi u privati.

11. Biex tagħmel progress fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'impatt newtrali fuq il-klima, l-UE adottat atti leġiżlattivi ewlenin mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" tal-Kummissjoni Ewropea, inkluż tisħiħ tas-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri konformi mad-WTO, u Fond Soċjali għall-Klima. L-Ewropa hija wkoll determinata li tkun fuq quddiem tar-rivoluzzjoni tat-teknoloġija nadifa. Għal dan l-għan, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti, li huwa komponent ewlieni tal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, issa daħal fis-seħħ. L-UE tkompli tagħmel progress fil-qafas ta' finanzjament sostenibbli tagħha, filwaqt li tinkoraġġixxi l-finanzjament privat ta' proġetti u teknoloġiji ta' tranżizzjoni. L-UE ser tkompli taħdem mill-qrib mas-sħab internazzjonali biex timxi 'l quddiem fit-tranżizzjoni ekoloġika, u tindirizza l-impatt dejjem akbar tat-tibdil fil-klima.

**Kwistjonijiet ta' Politika tal-FMI**

12. L-Istati Membri tal-UE jkomplu jappoġġaw l-impenn tal-IMFC għal FMI b'saħħtu, ibbażat fuq il-kwoti u b'riżorsi adegwati biex jippreserva r-rwol tiegħu fil-qalba tax-Xibka Dinjija ta' Sikurezza Finanzjarja (GFSN). L-UE tilqa' b'sodisfazzjon l-konklużjoni tas-16-il Rieżami Ġenerali tal-Kwoti tal-FMI li ser iżomm il-pakkett attwali tar-riżorsi tal-Fond u jsaħħaħ in-natura bbażata fuq il-kwoti tal-Fond. Il-prijorità issa hija li l-membri tal-FMI jiffinalizzaw il-proċeduri domestiċi u jipprovdu kunsens nazzjonali għaż-żidiet rispettivi fil-kwoti u l-iżmuntar tal-Arranġamenti Ġodda għal Self (NAB) sal-iskadenza miftiehma tal-15 ta' Novembru 2024. Aħna nilqgħu b'sodisfazzjon il-ħolqien tal-25 President għall-Afrika Sub-Saħarjana sa Novembru 2024, li jiżgura t-titjib tal-bilanċ ġenerali tar-rappreżentanza reġjonali fil-Bord Eżekuttiv tal-FMI. Ser naħdmu b'mod kostruttiv fuq approċċi possibbli għall-gwida tal-allinjament mill-ġdid tal-ishma tal-kwoti tal-FMI, kif inqabel fid-Dikjarazzjoni tal-President tal-IMFC f'Ottubru 2023, fil-qafas tas-17-il Rieżami Ġenerali tal-Kwoti sa Ġunju 2025. Il-formula attwali ħadmet tajjeb u tilħaq l-objettivi ta' allinjament mill-ġdid. Il-kondiviżjoni ġusta tal-piżijiet fost l-ekonomiji avvanzati ewlenin kollha u l-protezzjoni tal-ishma tal-kwoti tal-ifqar membri huma essenzjali.

PUBLIC

13. L-Istati Membri tal-UE jilqgħu r-rieżami olistiku tal-imposti u l-ħlasijiet addizzjonali tal-FMI fir-rigward tal-politiki li jaffettwaw il-kost totali tas-self mingħand il-FMI. Nagħrfu l-argument favur xi aġġustamenti f'dawk il-politiki fid-dawl taż-żieda qawwija fir-rati tal-imgħax dinjin u taż-żieda fl-introjtu tal-Fond. Nieħdu nota wkoll tal-valutazzjoni tal-persunal li l-prospettiva tal-introjtu tal-Fond għas-snin li ġejjin għadha robusta u l-mira tal-bilanċi prekawzjonarji ta' SDR 25 biljun intlaħqet sa tmiem is-Sena Finanzjarja 2024. Infakkru li kwalunkwe rieżami tal-politiki dwar l-imposti u l-ħlasijiet addizzjonali tal-FMI jeħtieġ li jqis li dawn huma parti integrali mill-qafas ta' ġestjoni tar-riskji ta' kreditu tal-Fond li jistabbilixxi l-ġenerazzjoni tal-introjtu biex tiġi protetta l-karta tal-bilanċ tal-Fond u jipprovdi inċentivi bbażati fuq il-prezzijiet għal teħid b'self imkejjel u ħlas lura bikri u b'hekk jgħin biex tiġi ppreservata n-natura rotanti tar-riżorsi tal-FMI, flimkien mal-għanijiet ġenerali tas-self tal-FMI. F'dan ir-rigward, aħna nenfasizzaw l-importanza li l-politiki ta' finanzjament u self jiġu vvalutati b'mod olistiku.

14. L-Istati Membri tal-UE flimkien wiegħdu li madwar USD [37] biljun ta' twassil volontarju ta' Drittijiet Speċjali ta' Prelevament (SDRs) (jew kontribuzzjonijiet ekwivalenti) lejn il-Fond Fiduċjarju għar-Reżiljenza u s-Sostenibbiltà (RST) u l-Fond Fiduċjarju għat-Tnaqqis tal-Faqar u t-Tkabbir (PRGT) u huma fuq quddiem fit-trasferiment tar-riżorsi lill-fondi fiduċjarji tal-FMI. Inħeġġu lill-pajjiżi jikkunsidraw kontribuzzjonijiet volontarji ġodda biex jagħtu spinta lill-PRGT kif ukoll lill-RST, u biex iwettqu l-wegħdiet tagħhom, sabiex ir-riżorsi jkunu disponibbli b'mod effettiv għall-pajjiżi vulnerabbli. L-Istati Membri tal-UE jfakkru fil-laqgħa informali tal-ministri għall-affarijiet ekonomiċi u finanzjarji li saret f'Budapest fit-13 u l-14 ta' Settembru, fejn il-Ministri u d-Direttur Maniġerjali tal-FMI ddiskutew opportunitajiet ġodda ta' finanzjament fl-appoġġ ta' pajjiżi b'introjtu baxx u għażliet possibbli biex il-PRGT jitqiegħed fuq bażi sostenibbli. L-UE hija kontributur ewlieni għal-PRGT u tappoġġa PRGT li jiffunzjona tajjeb u jsostni lilu nnifsu. Biex jinkiseb dan, ser tkun meħtieġa taħlita ta' miżuri kemm fuq in-naħa tal-finanzjament kif ukoll fuq in-naħa tal-politiki u l-prattiki tas-self; b'mod konsistenti mar-restrizzjonijiet legali tal-pajjiżi. Il-PRGT huwa kruċjali biex jintlaħaq l-objettiv li jiġu pprovduti finanzi konċessjonali għall-appoġġ ta' miżuri ta' politika biex jiġu indirizzati l-problemi tal-bilanċ tal-pagamenti u biex jingħata rispons adegwat għall-ħtiġijiet relatati tal-pajjiżi b'introjtu baxx fis-snin li ġejjin. Fl-istess ħin, biex jiġu limitati r-riskji għall-Fond u jsir l-aktar użu effiċjenti tar-riżorsi skarsi disponibbli, is-self mingħand il-PRGT jeħtieġ li jkun prudenti u soġġett għal salvagwardji adegwati.

15. Il-ġestjoni tal-vulnerabbiltajiet tad-dejn dinji tibqa' prijorità ewlenija. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon il-progress li sar fi ħdan il-Qafas Komuni tal-G20/Klabb ta' Pariġi għat-Trattament tad-Dejn u tappella għal sforzi addizzjonali għal ristrutturar tad-dejn aktar prevedibbli, f'waqtu, ordnat u kkoordinat. Il-ftehimiet dwar it-trattament tad-dejn għaċ-Chad, iż-Żambja u l-Ghana juru li l-Qafas Komuni jagħti riżultati, filwaqt li nirrikonoxxu li t-trattamenti futuri tad-dejn jistgħu jkunu aktar rapidi. Aħna nilqgħu wkoll l-arranġament estiż ta' erba' snin ta' faċilità ta' kreditu għall-Etjopja li jiffaċilita n-negozjati mal-kredituri dwar ir-ristrutturar tad-dejn u li sar possibbli permezz tal-assigurazzjonijiet ta' finanzjament ipprovduti mill-Kumitat Uffiċjali tal-Kredituri. Nappoġġaw l-isforzi biex jinsiltu t-tagħlimiet meħuda minn każijiet ta' pajjiżi li għaddejjin bħalissa fi ħdan il-Qafas Komuni bl-għan li jiġu żviluppati linji gwida ċari, biex il-pajjiżi li jissellfu jinnavigaw il-proċess. Inħeġġu aktar koordinazzjoni multilaterali effettiva tat-trattament tad-dejn fil-pajjiżi b'introjtu medju u nilqgħu l-ftehim mas-Sri Lanka. Aħna nilqgħu b'sodisfazzjon il-ħidma li qed issir fid-Diskussjoni dwar id-Dejn Sovran Dinji bħala pjattaforma importanti biex jiġi ffaċilitat fehim komuni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha dwar l-isfidi tad-dejn dinji. Għal sitwazzjonijiet fejn il-pajjiżi jħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet marbuta ma' likwidità, iżda d-dejn ikun għadu sostenibbli, nappoġġaw il-ħidma li qed issir mill-G20, il-FMI u l-Bank Dinji biex il-pajjiżi jingħataw appoġġ fuq il-bażi ta' tliet pilastri: i) riformi strutturali u l-mobilizzazzjoni ta' riżorsi domestiċi; ii) appoġġ finanzjarju estern, inkluż mill-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali; u iii) koordinazzjoni aħjar fost is-sħab bilaterali u multilaterali biex jiġi mobilizzat is-self mingħand kredituri privati. Għal dan l-għan, aħna nappoġġaw il-ħidma fil-livell tal-pajjiżi bil-għan tal-koordinazzjoni tal-flussi ta' finanzjament. Inħeġġu wkoll aktar sforzi fuq it-trasparenza tad-dejn.